**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Thomas Sant

vs

Orange Travel Group Ltd

CCT 147/17/MS

4 ta' Gunju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-21 ta' Awwissu 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €848.00, parti minn prezz ta' *cruise* ghal zewg persuni fuq il-vapur MV Fascinosa 2017, liema *cruise* kien operat mid-ditta intimata. Ir-rikorrent jilmenta illi l-kabina illi effettivament inghata kienet ta' *standard* ferm inqas minn dak illi gie imwieghed.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata prezentata fit-12 ta' Settembru 2017 fejn cahdu t-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatti u fid-dritt u li ma kien hemm xejn inferjuri fil-kabina illi effettivament inghata lir-rikorrent, u li kien jaf x'kamra kien ser jiehu.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi fid-19 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrent xtara *cruise* minghand is-socjeta' intimata ghal zewg persuni fuq il-Costa Fascinosa li kellu jiltaq minn Malta fl-10 ta Mejju u jirritorna fl-17 ta' Mejju 2017 versu l-prezz totali ta' €1595.00. Ghal dan il-prezz inghata kabina 'Inside Premium IP' bin-numru 1005. Qalulu wkoll illi din il-kamra tintuza minn persuni b'disabilta' u li l-unika d-differenza bejn kamra normali kienet illi l-bieb kien aktar wiesgha u kien hemm zewg sodod single u mhux wahda kbira. Ir-rikorrent accetta dawn il-kundizzjonijiet. Meta r-rikorrent u l-*partner* tieghu telghu abbord u dahlu fil-kabina allokata numru 1005 sabu illi din kienet kamra zghira b'sodod forma ta' L-shape bi ftit spazju fejn setghu jpoggu l-hwejjeg, tant li l-hwejjeg zammewhom fil-bagalji l-gimgha kollha. Minkejja li ilmentaw mal-*customer care* ma nghatawx widen u kellhom jibqghu l-

*cruise* kollu f'dik il-kamra. Sadanittant ir-rikorrent, peress illi hu kien klijent regolari ta' Costa, sar jaf li kien intitolat ghal skont ta' tnax fil-mija, liema skont ma nghatalux u ghalhekk deherlu li l-vaganza tieghu kienet irvinata, tort tas-socjeta' intimata u talab kumpens ta' 1) nofs il-prezz tal-cruise (€619), 2) l-iskont kif ikkalkulat minnu li kellu jiehu u cjoe' €148.56 kif ukoll 3) tmenin Euro differenza fil-prezz bejn Cabina Classic u Premium.

Illi min-naha l-ohra r-rapprezentant tas-socjeta' intimata, filwaqt li kkonferma li r-rikorrent ghamel vaganza maghhom, spjega illi ma kellux ragun fit-talbiet tieghu peress illi l-iskont ta' 12 fil-mija huwa applikabbli biss ghal *cruises* originali operati mid-ditta Costa, mentri dan partikolari kien operat mis-socjeta' intimata. Rigward il-kabina, minkejja illi r-rikorrent xtara kabina Premium, inghata kabina ta' kategorija oghla (Samsara) bl-istess kundizzjonijiet ta' Premium. Mill-qpija ma kien hemm xejn x'jikkumenta dwar il-*cruise* innifsu.

Ikkunsidra

Illi minn informazzjoni li rrizulta mill-process, hemm tlett tipi ta' 'Inside Cabins' - Classic, Premium u Samsara bi grad ta' sofistikazzjoni differenti. It-Tribunal innota illi fuq il-booking form (Dok TS), ir-rikorrent inghata Kabina numru 1005 deskritta bhala Inside Premium. Pero' skond il-pjanta tal-vapur, ezebita mill-intimat, il-kabina 1005 tinstab fid-deck 10 maghrufa bhala Turandot ikklasifikata bhala Samsara. F'dan l-istadju, huwa immaterjali jekk fl-opinjoni tas-socjeta' intimata, din il-klassifikazzjoni hijiex upgrade jew le. Il-fatt hu illi din il-kabina mhijiex Inside Premium u ghalhekk ma missiex qatt giet deskritta bhala Inside Premium' fil-booking form (Dokument TS) izda se mai bhala Inside Samsara. Anke jekk 'Inside Classic', 'Inside Premium' u 'Samsara Inside' huma tlett tipi ta' kabini li huma simili hafna ghal xulxin, jibqa l-fatt illi mhumiex l-istess. Ghal xi raguni, il-klassifika 'Samsara' mhijiex reklamata mis-socjeta' intimata, tant illi fil-*brochure* esebit (OTG8), din mhijiex indikata a fol 6,7, 8 u 12 fejn hemm deskritti l-klassifikazzjoni tal-kmamar, ghad illi tidher fil-pjanta tal-vapur (Deck Plan) a fol 14..

Illi r-rikorrent esebixxa ritratt (Dok TS8) mehud mill-website appozitu ta' kamra Inside Premium. Dan ir-ritratt juri kamra ta' certa sofistikazzjoni b'zewg single beds b'kommodina fin-nofs u b'ghamara ta' certa klassi. Ghalhekk ir-rikorren kien gustifkat illi jippretendi li l-kamra li ser jinghata ser tkun tixbah hafna dik illi jidher fir-ritratt u cjoe' *two twin beds not convertible into a double.* Fil-fatt meta r-rikorrent dahal fil-kamra numru 1005 allokata lilu sab kamra kompletament differenti u ferm inferjuri ghal dak illi kien reklamat u imwieghed. Dan ma kienx kaz biss ta' bieb aktar wiesgha imma ta' haga kompletament differenti u hafna inferjuri ghal dak illi suppost kellu jircievi.

Huwa veru illi f'dan il-kaz ir-rikorrent gie mgharraf minn qabel illi s-sodod ma setghux jigu konvertiti bhala double, pero' b'danakollu t-Tribunal jidhirlu illi is-socjeta' intimata anke jekk ma giddbidtx l-anqas ma qalet il-verita' - semmai kienet *economical with the truth.* Minn dak li ra it-Tribunal u li ddeskrivew ix-xhieda, il-kamra kienet iktar intiza ghal persuna wahda, anke jekk kien hemm zewg sodod, li l-anqas setghu joqghodu ma' genb xulxin. Meta r-rikorrent gie imwieghed zewg *twin beds* kien ferm gustifikat jahseb illi dawn kienu ser ikunu hdejn xulxin u mhux pogguti b'tali mod illi wicc xi hadd ha jkollu jahbat mas-sieq ta' xi hadd iehor. Il-kamra hija parti integra tal-vaganza specjalment fuq *cruise* fejn il-vapur huwa d-dar tieghek ghal dik il-gimgha fejn tmur biex tirilassa. Il-fatt illi kabina tkun fuq livell iktar oghli jaf ikun fattur importanti pero' r-rikorrenti qatt ma talbu kamra fuq l-oghli, izda kamra 'Inside Premium' kif jidher fir-ritratti. U ghalhekk kellhom kull dritt jippretendu illi jircievu dan. Dan ma rcevewx.

Rigward l-iskont ta' 12 fil-mija, l-argument tas-socjeta' intimata jista' jkun illi huwa korrett. Il-*cruise* kien operat mis-socjeta' intimata u mhux minn Costa Cruises u ghalhekk ma kienx cruise originali u jekk dan l-iskont ta' 12 fil-mija kien applikabbli biss ghal *cruise* originali allura r-rikorrent ma kienx intitolat ghaliha. Kaz tipiku tal-mazzun li jkun bela l-lixka biex imbaghad ma jkunx jista' johrog minnha. Fil-fatt din il-kondizzjoni ma gietx mgharrfa lir-rikorrent qabel izda intuzat bhala loophole biex jigi evitat il-beneficcju ta' 12 fil-mija.

Mill-qpija it-Tribunal illi r-rikorrent ghandu ragun u gie zvijat mis-socjeta' intimata. U ta' dan jimmerita li jkun kumpensat. It-Tribunal qieghda tiffissa dan il-kumpens *arbitrio bono viri,* fis-somma total ta' sitt mitt Euro. (€600.00)

Ghal dawn ir-ragunijiet, jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondilu s-somma ta' sitt mitt Euro. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru